**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**- vs -**
**Coronatus Calleja iben Joseph u Pawla xebba Sultana li joqghod "Casa Colsam" Triq Zaki, Zebbug, Ghawdex.**
**Karta ta' Identita' numru 40753(G)**
**u**
**Mario Sciberras iben Anthony u Dolores xebba Galea li joqghod 2, Blk 5, Triq il-Gladjoli, Xewkija, Ghawdex.**
**Karta ta' l-Identita numru 16758 (G)**

Illum 5 ta' Gunju 2002.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputati talli nhar it-Tlieta 13 ta' Gunju 2000 ghall-habta tal-11:45 a.m. fil-bajja tar-Ramla l-Hamra, limiti ta' Xaghra, Calleja bhala licenzjat li f'ismu ghandu l-licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex izomm kiosk u Sciberras bhala persuna nkarigata mit-tmexxija ta' l-istess kiosk (a) kisru l-kundizzjonijiet tal-licenzja billi bieghu xorb alkoholiku mill-kiosk "Il-Kcina tar-Ramla" minghajr l-licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija u b'hekk kisru l-kundizzjonijiet tal-licenzja biex jaghmluha ta' bejjiegha f'post fiss taht kategorija B, (b) aktar talli poggew mwejjed u siggijiet quddiem il-kiosk minghajr il-permessi mehtiega minghand l-awtoritajiet kompetenti.

Semghet l-ammissjoni ta' Mario Sciberras;

Fuq ammissjoni ssibu hati;

Rat l-artikoli 182 tal-Kap 10 u 338 (gg) tal-Kap 9;

Tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur